MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2010

Numru. 21/1999

Il-Pulizija
(Sup Norbert Ciappara, Sup Paul Vassallo u Sup Antonello Grech)
vs
Dean Joseph Falzon, iben Joseph, imwieled Pieta’ fit-23 ta’ Jannar, 1982, Karta ta’ l-Identita numru 83782(M)
u
Aaron Falzon, iben Stephen Carmel, imwieled Pieta’ fid-9 ta’ Jannar, 1982, Karta ta’ l-Identita numru 65982(M)
u
Daniela Anastasi, bint Saviour, imwielda Pieta’ fil-11 ta’ April, 1981, Karta ta’ l-Identita numru 192681(M)
u
Veronica Lee Sapiano, bint Carmel, imwielda Toronto, Canada fit-3 ta’ Ġunju, 1980, Karta ta’ l-Identita numru 316494(M)

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra –
**Dean Joseph Falzon,**
talli fis-16 ta' Settembru, 1999 u fil-ġranet ta' qabel din id-data:

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/i mingħjar ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) jew minn xi awtorita mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tas-Sitt Taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regola ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kienitx għall-użu personali tiegħu;

c. talli f’dawn il-Gżejjer fis-16 ta’ Settembru, 1999 u matul dawn l-aħħar ġranet qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu mediċina speċifikata u psikotropika (ectasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) ta’ l-Avviż Legali 22 ta’ l-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u it-Tielet Skeda ta’ l-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 16 ta’ l-Att V ta’ l-1985, kif emendat, liema droga nstabet f’tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu;
d. talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi u matul dawn l-aħħar ġranet ikkonsenja mediċina speċifikata u psikotropika (ecstacy) lil xi persuna oħra li ma kienx spizjar diliġenti, jew ma kienx xort’ oħra awtorizzat bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tiegħu bi ksur tar-Regolament 10(2) ta’ l-Avviż Legali 22 ta’ l-1985, kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u it-Tielet Skeda ta’ l-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-Att V ta’ l-1985, kif emendat;
e. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanzi fis-16 ta’ Settembru, 1999 u matul dawn l-aħħar ġranet assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f’dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f’dawn il-Gżejjer kontra d-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-liġijiet ta’ Malta, jew ippromuova, ikkostotwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni u dan bi ksur ta’ l-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 120A(1)(f) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**Aaron Falzon**,
talli f’dawn il-Gżejjer, fis-16 ta’ Settembru, 1999 u matul dawn l-aħħar ġranet:
a. kellu fil-pussess tiegħu mediċina speċifikata u psikotropika (ecstacy) meta ma kien awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) ta’ l-Avviż Legali 22 ta’ l-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) u 89(A) u it-Tielet Skeda ta’ l-Ordinanza tal-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, u l-artikolu 16 ta’ l-Att V ta’ l-1985, kif

emendat, u liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu;
b.  talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina, speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skont id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skont ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu personali tiegħu;
c.  talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi fis-16 ta' Settembru, 1999 u matul dawn l-aħħar ġranet assoċja ruħu ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħ jew jittraffika f'dawn il-Gżejjer, kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromuova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja l-assoċjazzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 22 (1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 120(a) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Daniela Anastasi** u **Veronica Lee Sapiano**
Talli fis-16 ta' Settembru, 1999 u matul dawn l-aħħar ġranet:
assoċjaw ruħhom flimkien ma xi persuna jew persuni oħra f'dawn il-Gżejjer jew barra minn dawn il-Gżejjer sabiex ibiegħu jew jitraffikaw f'dawn il-Gżejjer, kontra d-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromovew, ikkostiwew, organizzaw jew iffinanzjaw l-assoċjazzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 22(1)(f) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet

ta’ Malta u l-artikolu 120(a) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta;

**Daniela Anastasi**

a. talli saqet vettura bil-mutur, cioe’ karozza bin-numru tar-reġistrazzjoni EAU 721, meta ma kinitx fil-pussess ta’ liċenzja tas-sewqan maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija;

b. talli ma kinitx koperta b’polza ta’ assikurazzjoni.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi tordna lill-imputati iħallsu l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ l-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-kontr’ordni tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta’ Ġunju, 2002 fil-konfront ta’ l-imputati kollha fejn iddikjara li bis-saħħa tas-subartikolu (2Ċ) ta’ l-artikolu 120A ta’ l-Ordinanza dwar il-Prodessjoni Medika u il-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta, kif ukoll bis-saħħa ta’ l-artikolu 31 tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta ordna li l-imsemmija imputati jiġi proċessati quddiem din il-Qorti.

Rat illi dan il-proċess kien inħaraq  fil-ħruq li ħakem din il-Qorti fit-12 ta’ Lulju, 2004 u għalhekk il-proċess kollu kellu jiġi redatt mill-ġdid.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Novembru, 2010 fejn l-imputati taw il-kunsens tagħhom biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti kollha eżebiti nkluż il-‘pre-sentencing report’ ta’ l-imputati eżebit fis-seduta tat-8 ta’ Jannar, 2010.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Novembru, 2010 fejn l-imputati ammettew l-akkużi miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukati ta' l-imputati dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi għandu jiġi rilevat li fl-ewwel lok dan il-proċess kellu 'iter' twil minħabba dak li ġara fit-12 ta' Lulju, 2004.

Illi għandu jiġi rilevat ukoll li l-imputati Dean Joseph Falzon u Aaron Falzon kienu minuri fid-data tal-fatti. L-imputati Veronica Lee Sapiano u Daniela Anastasi kienu għadhom kif saru maġġiorenni fid-data tal-fatti.

Illi mill-'pre-sentencing report' ta' kull wieħed mill-imputati joħroġ ċar li kull wieħed mill-imputati qabad it-triq it-tajba u minn dak in-nhar li ġraw il-fatti rabbew l-għaqal, qed jaħdmu bi profit, bdew familji u ma huma ta' ebda perikolu għas-soċjeta'.

Illi għandu jiġi rilevat ukoll li huma kkoperaw mal-pulizija u dan hu fatt pożittiv ieħor li għandu jiġi meħuda in konsiderazzjoni fl-erogazzjoni tal-piena.

Illi l-ammont ta' droga li ġiet traffikat tikkonsisti f'mitt pillola ecstacy u ħames tiqratas kokaina.

Illi minn eżami tal-provi jirrizulta ċar li l-involviment ta' l-imputati Daniela Anastasi u Veronica Lee Sapiano hu wieħed 'de minimis'.

Illi meta wieħed janalizza din il-kawża fil-komplessita tagħha hemm riskju reali li jiġu rovinati l-ħajjiet ta' dawn l-erba' min-nies li meta kienu ferm żgħar għamlu zball. Il-ħajja tagħhom wara l-fatti li taw lok għal din il-kawża hi xhieda ta' impenn biex wieħed jerġa jibda mill-ġdid. Ma hemm ebda dubju li l-imputati għandhom iħalsu ta' egħmilhom iżda dan il-ħlas għandu jkun wieħed konfaċenti ma sitwazzjoni li ġiet kreata maż-żmien. Għandu jiġi rilevat ukoll li l-fedina penali ta' Aaron Falzon, Daniela Anastasi u Veronica Lee Sapiano hi waħda netta.

il-fedina penali ta’ Dean Joseph Falzon mhiex netta iżda ma hi ta’ ebda preokkupazzjoni.

Illi f’dan il-kontest ferm partikolari għandha ssir referenza għal sentenza mogħtija mill-Qorti ta’ l-Appell Kriminali fl-ismijiet: “Il-Pulizija v. Marco Galea” deċiza fil-5 ta’ Mejju, 2008. F’dik il-kawża partikolari l-Qorti tenut kont ta’ sitwazzjoni eċċezzjonali li tixbah għal kollox għal din il-kawża partikolari kienet ikkundannat lill-imputat għal piena ta’ biss gimgħa priġunerija. Fil-każ in eżami l-piena minima hi ta’ sitt xhur priġunerija. Jekk tingħata din il-piena hemm riskju reali li dawn l-persuni jitilfu t-tajjeb kollu li għamlu f’dan il-perjodu twil ta’ żmien minn meta tressqu l-ewwel darba l-Qorti fejn illum qed jaħdmu bi profit u qed irabbu familja.

Għaldaqstant, fil-konfront ta’ **Dean Joseph Falzon**, issibu ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Tiddikjara li l-ewwel tlett akkużi bħala mezzi għal fini tar-raba’ akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 120A(1)(f)(1A)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikoli 9, 10(1), 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u għar-raġunijiet infraskritti tikkundannah għal piena ta’ tlieta u tletin (33) ġurnata priġunerija u għal ħlas ta’ multa ta’ ħames mitt euro (€500). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ ħames mitt euro (€500) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.
Fil-konfront ta’ **Aaron Falzon**, issibu ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Tiddikjara li l-ewwel żewġ akkużi bħala mezzi għal fini tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikolu 17(h) tal-Kodiċi Kriminali, l-artikoli 120A(1)(f)(1A)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikoli 9, 10(1), 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta u għar-raġunijiet infraskritti tikkundannah għal piena ta’ tlieta u tletin (33) ġurnata priġunerija u għal ħlas ta’ multa ta’ ħames mitt euro (€500). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannah għal ħlas ta’ ħames mitt euro (€500) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta’ periti.
Fil-konfront ta’ **Daniela Anastasi**, issibha ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 120A(1)(f)(1A)(2)(b)(i)

tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 9, 10(1), 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 3(1A)(2) tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet infraskritti tikkundannaha għal piena ta' tlieta u tletin (33) ġurnata priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' elf u mitt euro (€1,100). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal ħlas ta' ħames mitt euro (€500) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

Fil-konfront ta' **Veronica Lee Sapiano**, issibha ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 120A(1)(f)(1A)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikoli 9, 10(1), 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u għar-raġunijiet infraskritti tikkundannaha għal piena ta' tlieta u tletin (33) ġurnata priġunerija u għal ħlas ta' multa ta' ħames mitt euro (€500). Minbarra dan, rat l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tikkundannaha għal ħlas ta' ħames mitt euro (€500) spejjeż inkorsi fil-ħatra ta' periti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------